Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 227/2018

Il-Pulizija

Vs

Carmel Xerri

Illum 28 ta' Marzu, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmel Xerri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 228351M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar il-31 ta' Marzu 2017 ghall-habta ta' 16:45 hrs fl-inhawi ta' Fomm ir-Rih u f'dawn il-Gzejjer:

1. Waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew prova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18(1)(c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew prova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-

Regolament 4(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza xi gass, jew apparat elettriku jew elettroniku, u cioe` tisfir irrekordjat minn qabel tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur tar-Regolament 7 (1) (i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed jonsob, kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Regolament 7(2) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkonfoffa jew ittanta, ghin, hajjar, ta pariri jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi disposizzjonijiet bhal dawk, jew kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur tar-Regolament 27(1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'lok pubbliku, libes maskra jew biddel is-sura tieghu, barra minn fiz-zmien u bil-mod li tippermetti l-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (n) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-2 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4(1)(a), 7(1)(d), 7(1)(i), 7(2), 18(1)(c) u 27(1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 338(n) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ddikjarat li s-seba' akkuza hija preskritta;

Il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel sitt akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu b'multa ta' elf u sitt mitt euro (€1,600) u kif ukoll ordnat is-sospensjoni tal-licenzji ghal tliet snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Xerri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Mejju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija skont il-ligi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skont il-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Carmel Xerri huma s-segwenti u cioe`:-

Illi ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb l-esponenti sejjer jaqsam l-aggravji tieghu billi **fl-ewwel lok**, iqajjem eccezzjoni dwar l-istqarrija tal-imputat u jitlob l-isfilz taghha. **Fit-tieni lok**, l-esponenti sejjer juri kif fl-umli fehma tieghu l-filmat li esebiet Fiona Burrows ma huwiex ammissibbli u m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni sabiex tinstab htija. **Fit-tielet lok**, l-esponenti sejjer juri kif, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, *in ogni caso*, la minn tali filmat u lanqas mix-xhieda ta' Fiona Burrows ma jirrizultaw pruvati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti. **Fir-raba' lok**, u strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu, l-esponenti sejjer iressaq aggravju dwar il-piena, in kwantu l-piena kellha tkun aktar miti.

**1) ECCEZZJONI DWAR L-ISTQARRIJA TAL-IMPUTAT**

Illi l-esponenti umilment jissottometti illi l-istqarrija tieghu li tinsab inserita fil-process ghandha tigi dikjarata inammissibbli ghaliex meta tali stqarrija giet rilaxxata l-akkuzat ma kellux dritt li l-avukat tieghu jkun prezenti u jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni.

Illi din l-eccezzjoni qieghda tingieb 'il quddiem fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-decizjonijiet tal-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-Qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt tal-akkuzat jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma jkunx moghti d-dritt li jkun assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu. Din l-eccezzjoni qed issir ukoll fid-dawl ta' dak li jiddisponu *inter alia* l-artikoli 355AT u 355AUA tal-Kodici Kriminali u l-Avviz Legali 102 tal-2017 liema artikoli rrendew applikabbli d-dispozizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013. B'mod specjali ssir referenza ghall-artikolu 355AUA(8)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipola li:

> *"Il-persuna suspettata jew akkuzata ghandu jkollha d-dritt li l-avukat taghha jkun prezenti u jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-partecipazzjoni tista' tigi regolata skont proceduri li l-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk izda li dawk il-proceduri ma jippregudikawx l-ezercizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt koncernat."*

Illi dawn is-sottomissjonijiet li qed jaghmel l-esponenti jsibu l-konfort mhux biss fil-ligi supra citata, izda wkoll fis-sentenzi li nghataw ricentament mill-Qorti Kriminali u mill-Qrati Civili fejn filwaqt li ghamlu referenza ghall-gurisprudenza u l-izviluppi ricenti fid-decizjonijiet tal-ECHR iddikjaraw car u tond li stqarrija li tkun inghatat minn persuna suspettata u/jew arrestata minghajr id-dritt li l-avukat taghha jkun prezenti u jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni hija inammissibbli.

**2) AGGRAVJU DWAR IL-FILMAT ESEBIT MINN FIONA BURROWS**

Illi fil-kaz odjern il-provi tal-prosekuzzjoni huma primarjament filmat li allegatament ittiehed minn Fiona Burrows u t-testimonjanza ta' Fiona Burrows.

Jinghad bid-dovut rispett illi l-filmat li esebiet Fiona Burrows ma ghandux ikun ammissibbli sabiex tigi determinata l-htija in kwantu tali filmat ma jikkonsistix f'filmat shih u kontinwu, izda sempliciment diversi filmati qosra hafna.

Skont l-istess allegazzjonijiet ta' Burrows dan l-incident kollu sehh f'madwar 30 minuta. Kwindi l-inqas li setghet taghmel Burrows kien li tipprezenta in atti filmat kontinwu ghal minimu ta' 30 minuta. Minflok ma hija ghamlet dan, pero`, il-filmat li esebiet jikkonsisti f'diversi filmati maqtughin b'mod li ma tistax tigi determinata l-kontinwità ta' dak li kien qed isehh.

Dan ukoll ghaliex bejn il-filmat inizjali li juri lil zewg individwi fuq il-mansab jigbru x-xbiek b'wicchom mghammad, u l-filmat sussegwenti li juri tlieta minn nies mexjin fl-ghelieqi ma hemmx il-link dirett. Anzi ma jirrizultax mill-filmati successivi minn fejn kienu gejjin dawn it-tliet individwi li jidhru sempliciment mexjin fl-ghelieqi u fejn ma jidher li qed jaghmlu l-ebda attività illegali kwalsiasi. Jinghad bid-dovut rispett illi l-vojt bejn l-ewwel filmati u l-filmati sussegwenti ma jistax jimtela bis-suspetti jew supposizzjonijiet.

Burrows tallega li hija kienet qed issegwi kollox mill-bidu. L-esperjenza tal-hajja tiddetta pero` li jekk veru kienet qed issegwi kollox, tenut kont ukoll il-fatt li kellha f'idejha video camera, hija kellha tirrekordja kollox mill-bidu sal-ahhar sabiex ikun hemm il-kontinwità, mhux tiehu filmati spezzettati. La ma sarx dan, dan jistax ifisser jew li lanqas Burrows ma kienet qed issegwi 'l-individwi koncernati l-hin kollu (u allura ma tista' tixhed dwar il-kontinwità tal-prova hi stess), jew altrimenti jekk kienet qed issegwihom allura fin-nuqqas ta' filmat kontinwu, ifisser li ma gewx osservati r-regoli tal-best evidence rule u l-kontinwità tal-evidenza.

Konsegwentament, tali filmat ghandu jigi dikjarat inammissibbli u verdett ta' htija a bazi ta' tali filmat ikun bir-rispett jammonta ghall-verdett *unsafe and unsatisfactory*.

3) **LA MILL-FILMAT U LANQAS MIX-XHIEDA TA' FIONA BURROWS MA JIRRIZULTAW PRUVATI L-IMPUTAZZJONIJIET DEDOTTI KONTRA L-ESPONENTI**

L-esponenti umilment jissottometti illi strettament minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju dwar l-inammissibilità tal-filmat esebit minn Burrows, xorta wahda ma jirrizultawx pruvati l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti.

Jekk wiehed jikkonsidra l-provi tal-prosekuzzjoni ghandu jirrizulta (anke mill-investigations report esebit) li r-rapport sar u Burrows cemplet lill-Pulizija minhabba li allegatament kienu raw "*an active trapping site for finches in Fomm ir-Rih valley*".

Fl-ebda hin ma jinghad li Burrows rat xi attività ta' insib kwalsiasi.

Burrows tghid biss li hija rat mansab armat, kif ukoll li mbaghad, wara ftit minuti, rat lil zewg individwi jigbru x-xbiek. Burrows però ma rat l-ebda insib. Infatti hija ma tghidx li hija rat lil xi hadd fuq il-mansab hdejn ix-xbiek lest biex jaqleb ix-xbiek il-mument li jinzel ghasfur fuq l-istess xbiek. Anzi fuq il-mansab hija ma rat l-ebda persuna kwalsiasi u l-unika darba li hija rat persuna/i fuq barra kien meta dawn gabru l-istess xbiek.

B'kull dovut rispett però ma jistax jinghad li ghax persuna tigbor xbiek minn mansab allura tali persuna ghandha tinstab hatja ta' insib illegali.

In oltre, huwa fatt magħruf li biex wieħed ikun jista' jonsob irid ikun fil-post għassa u jistenna sabiex meta jaslu l-għasafar ikunu jistgħu jinqabdu fix-xbiek. Burrows però ma rat lil ħadd barra ħdejn ix-xbiek, u xħin rat lil xi ħadd dan kien jew qiegħed jiġbor il-gabjetti jew inkella jiġbor ix-xbiek.

L-esponenti għalhekk umilment jissottometti illi ma teżisti l-ebda prova sal-livell ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni ta' insib skont l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Jiġi ribadit bir-rispett illi anke jekk wieħed ikollu għall-grazzja tal-argument jaċċetta l-fatt li kien hemm mansab armat fi stagun magħluq, dan il-fatt waħdu ma jfissirx allura li l-esponenti għandu awtomatikament jinstab ħati ta' insib fi stagun magħluq. Fir-rigward ta' mansab armat fi stagun magħluq, fin-nuqqas ta' prova li kien hemm persuna li kienet qed tonsob, teżisti akkuża *ad hoc* taħt il-L.S. 549.93, iżda mhux l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-esponenti.

Rigward imbagħad l-akkuża tal-*bird caller*, għalkemm il-filmat huwa wieħed audio viżiv, mill-istess filmat ma jinstema' l-ebda *bird caller*.

Lanqas ma jirriżultaw l-elementi materjali indikati fis-sitt (6) imputazzjoni in kwantu ma hemm l-ebda prova żgħira kemm hi żgħira li l-esponenti b'xi mod ħajjar jew ittanta lil xi ħadd biex jikser xi waħda mir-regolamenti in kwistjoni. Is-sempliċi fatt li fuq sit ikollok iżjed minn persuna waħda ma jfissirx li allura jeżistu l-elementi tar-reat indikat fis-sitt imputazzjoni.

Rigward imbaghad l-identifikazzjoni tal-persuni li Burrows rat fl-incident, jigi rilevat li mill-filmat stess ma jistax jinghad li hemm xi identifikazzjoni pozittiva ta' xi wiehed mit-tliet individwi fil-post qrib il-mansab mal-esponenti. Kwindi, filwaqt li l-esponenti jirrileva li anke jekk wiehed ikollu jikkunsidra l-filmat, xorta wahda ma tirrizultax l-ebda attività illegali kif deskritta fl-imputazzjonijiet mertu tal-kaz, jirrileva wkoll illi apparti minn hekk, xorta wahda tonqos l-identifikazzjoni pozittiva mal-esponenti. Dan ghaliex filwaqt li z-zewgt individwi li jidhru jigbru x-xbiek ghandhom wicchom mghammad u allura hemm l-impossibilità ta' identifikazzjoni, it-tielet persuna li jidher fil-kamra wkoll wiccu ma jintgharafx minhabba li wiccu huwa mghotti bi tromba li kien qed juza.

B'referenza mbaghad ghall-filmati l-ohra fejn jidhru 3 individwi li mhumiex mghammda mexjin gol-ghelieqi, ghandu jigi ribadit is-segwenti:

- Ghalkemm wicchom mhuwiex mghammad xorta wahda hemm dubji dwar l-identifikazzjoni taghhom;
- Irrispettivament mill-fatt jekk tali individwi humiex rikonoxxibbli jew le, dawn l-individwi ma jidhru li qed jaghmlu xejn illegali u zgur mhux qed jonsbu skont kif qed jigi allegat fl-imputazzjonijiet;
- Minhabba n-nuqqas ta' kontinwità tal-filmat imsemmi fl-aggravju precedenti, ma hemmx ness bejn l-ewwel ftit filmati u l-bqija tal-filmati, u kwindi ma hemmx konferma minghajr dubju dettat mir-raguni li dawk it-tliet individwi mexjin fl-ghelieqi huma l-istess tliet individwi li wicchom ma jintgharafx li jidhru fil-filmati precedenti;
- Di piu' bil-mod li bih gie spezzettat il-filmat ma hemmx serhan il-mohh li l-filmati ttiehdu kollha fl-istess incident.

Fid-dawl ta' dawn is-sottomissjonijiet supra jirrizulta wkoll ghalhekk illi anke s-seba' (7) imputazzjoni ma tistax tigi ppruvata in kwantu ma hemmx l-

identifikazzjoni pozittiva tal-esponenti ma′ xi wiehed minn dawk iz-zewg persuni li jidhru mghammdin fil-filmati.

Konsegwentament, jigi sottomess bir-rispett li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li l-esponenti kien xi wiehed mit-tliet individwi li kellhom x′jaqsmu mal-incident kif rapportat minn Burrows.

**4) AGGRAVJU DWAR PIENA**

Illi strettament minghajr pregudizzju dwar il-mertu l-esponenti umilment jissottometti illi subordinatament, f′kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-esponenti u tikkonferma l-htija, il-piena fil-kaz in kwistjoni ghandha tkun wahda iktar miti skont ic-cirkostanzi tal-kaz, b′dan li tkun tqarreb iktar lejn il-minimu tal-piena kontemplat fil-ligi.

Ikkunsidrat;

Illi fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) id-difiza talbet differiment biex tirregola ruhha stante li s-sentenza *di propio pugnio* u dik dattilografata ma jaqblux. Il-partijiet trattaw dan fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009). Id-difiza ssostni li s-sentenza dattilografata fl-atti hija nulla u dan ghaliex ma tirriflettix s-sentenza moghtija a *prorio pugno.*

Illi jirrizulta li filwaqt fis-sentenza a *propio pugno* ossia dik miktuba bl-idejn fuq il-komparixxi, senjatamanet a fol 3 wara timbru bil-kliem '*Rat l-imputazzjonijiet: Rat id-dokumenti: Semghet il-provi: Rat l-Artikoli indikati.*' jirrizultaw is-segwenti kliem miktuba bl-idejn:

'*Multa €1,600-*

*Sospensjoni licenzji tlitt snin.'*

Filwaqt li fis-sentenza dattilografata tnizzel:

*'Wara li rat ir-Regolament 4(1)a), 7(1)(d), 7(1)(i), 7(2), 18(1)(c) u 27(1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 338(n) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Din il-Qorti qiegheda tiddikjara li s-seba' akkuza hija preskritta;*

*Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel sitt akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah b'multa t'elf u sitt mitt euro (€1,600) kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzji ghal tlitt snin.*

*Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.'*

Id-difiza issottomettiet li prezentat appell abbazi tas-sentenza li nghatat *a propio pugno* u li ma setghetx tqajjem aggravji differenti ghaliex il-kopja tas-sentenza giet wara. Kien ghalhekk li l-appellant fl-appell tieghu talab li "*dina l-Onorabbli Qorti joghogbha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.'*

Illi kien stante li l-appellant ibbaza l-appell tieghu fuq dik is-sentenza li nghatat *a propio pugno* li ntalbet it-thassir u r-revoka tas-sentenza kollha u mhux ir-riforma ossia l-konferma ta' nuqqas ta' htija tas-seba' (7) imputazzjoni u t-thassar u r-revoka ta' fejn il-Qorti sabet htija u subordinament il-varjazzjoni u l-modifika tas-sentenza appellata kwantu piena.' Id-difiza tissottometti li hija nghatat biss kopja tas-sentenza *a proprio pugno* u kien fil-mori tal-appell li fl-atti sabet il-kopja dattilografata.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal dak li rikors tal-appell ghandu jkun fih. L-artikolu 419(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji,* ***għandu*** *jkun fih, -*

*(a) il-fatti fil-qosor;*

*(b) ir-raġunijiet tal-appell;*

*(ċ) it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal- qorti inferjuri*' (Emfazi mizjuda)

Illi permezz tal-Att 1 tal-2018 li dahal fis-sehh fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-kliem "*taħt piena ta' nullita*'" fl-artikolu 419(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew imhassra. Ghalhekk peress li s-sentenza appellata giet deciza fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2018) filwaqt li r-rikors tal-appell gie prezentat fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2018), it-talba kif maghmulha fir-rikors tal-appell ma ggibx in-nullita' tieghu.

In oltre, jirrizulta kjarament li t-talba fir-rikors tal-appell giet ibbazata fuq is-sentenza li nghatat *di propio pugno*. Kif ikkunsidrat, dik *di propio pugno* miktuba mill-Magistrat fuq il-komparixxi li tindika biss il-piena u ghalhekk taghti x'tifhem li l-appellant kien qieghed jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Filwaqt li dik dattilografata tipprovdi li l-appellant kien qieghed jinstab hati tal-ewwel sitt imputazzjonijiet izda li s-seba' (7) imputazzjoni hija preskritta. Filwaqt li infliggiet l-istess piena inflitta f'dik miktuba fuq il-komparixxi. Illi ghalhekk jirrizulta li hemm zewg sentenzi kunfliggenti f'dak li jirrigwarda ta' liema imputazzjonijiet l-appellant instab hati.

Ikkunsidrat;

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Carmelo Cauchi'**[1] gie kkunsidrat li:

'*Illi l-ewwel nett waqt is-smigħ tal-kawża rriżulta li l- appellant kien ingħata sentenza li fiha kien hemm indikat piena ta' xahrejn u mhux ta' xahar bħalma kien hemm fis- sentenza miktuba a proprio pugno mill-Qorti. Din kienet is-sentenza dattilografata (ara fol 34 tal-proëess).*

*Tassew li waqt il-proċedura orali ma jistax jitqajjem aggravju li ma kienx imniżżel fi-rikors*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 2011 (Appell Kriminali Numru: 518/2010)

*promotorju iżda l- Qorti l-ewwel nett tifhem li l-appellant u l-abbli difensur tiegħu joqogħdu fuq dak li jkun lilhom mogħti sabiex jintavolaw l-appell u ma jkunx faċli l-aċċess għas-sentenza miktuba a propio pugno biex isir it-tqabbil magħha.*

*Fil-fehma tal-Qorti hawn si tratta ta' żewġ verżjonijiet tal- istess sentenza li ma jaqblux dwar il-piena. Mill-kitba ċara tas-sentenza a propio pugno jidher li l-intenzjoni tal- ġudikant kienet li jikkundanna lill-appellant għal xahar detenzjoni u din il-Qorti ser tuża din is-sentenza bħala bażi u mhux dik dattilografata.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Elton Taliana) Vs Raymond Parnis'**[2] gie kkunsidrat li:

*'Wara li l-Qorti rat l-atti tal-kawza specifikament l-appunti li kitbet il-Magistat fis-sentenza kif ukoll il-kopja ufficjali, tikkonferma illi l-raba' akkuza hija nieqsa mill- konsiderazzjonijiet illi jidhru fil-kopja ufficjali. Dan jidher illi huwa zball tat-traskrittur illi bi zvista jew ghal xi haga ohra naqas milli jipproduci ezatt dak illi kitbet il-Magistrat.*

*Jinghad mill-bidu nett li hija l-kopja ufficjali mahruga mid- Deputat Registratur illi jaghmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti jew is-sentenza li tkun miktuba mill- Magistrat. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal :*

*"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."*

*Dana stabbilit u ovvju pero' illi hemm diskrepanza bejn il- punti li kitbet il-Magistrat u s-sentenza ufficjali, liema diskrepanza hija sforz lapsus jew zball tekniku tad- Deputat Registratur.*

*Peress illi huwa dmir tal-Qorti illi ssalva kemm jista' jkun l- atti, ma thossx illi ghandha tmur ghall-estrem tan-nullita' tas-sentenza, aktar u aktar meta dan l-izball jista' facilment*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 470/2009)

*jigi rrangat u dak li qalet il-Magistrat jista' jigi riprodtt fedelment fis-sentenza ufficjali.*

*Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni tan-nullita' imqajjma mill-Avukat Generali billi tichad l-istess, izda tordna illi l-atti jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti halli d- Deputat Registratur johrog kopja ufficjali ohra w jirriproduci fedelment dak illi qalet il-Magistrat fis-sentenza taghha.'*

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Maria Stella Attard Vs John Mary Vella'**[3] gie kkunsidrat li:

*'Issa minn ezami ta'l-atti processwali din il-Qorti osservat illi hemm zewg sentenzi fl-atti u cioe' dik miktuba mill-gudikant di proprio pugno u imbaghad dik dattilografata ukoll iffirmata mill-gudikant. Bejn dawn iz-zewg sentenzi hemm diskrepanza fis-sens illi f'dik fejn hemm n-notamenti tal- gudikant fuq il-komparixxi l-Qorti illiberat lill-appellat mill-ewwel, it-tieni, it- tielet, ir-raba u is-sitt akkuzi u sabet htija ghall hames imputazzjoni fejn l-appellat kien qed jigi akkuzat li ghamel uzu minn pjanci "Trial Run" u li kiser il-kundizzjonijiet li hemm imposti fuqhom, meta dawn gew uzati fi Hdud u festi pubblici minghajr il-permess ta'l-Awtorita', meta imbaghad fis- sentenza dattilografata l-appellat gie illiberat mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, il- hames u is-sitt akkuza u instabet htija ghar-raba imputazzjoni u cioe' illi ghamel uzu minn vettura bil-mutur minghajr marka ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta. B'hekk fl-atti hemm zewg sentenzi fejn id-decide huwa differenti u di piu, kif gustament jilmenta l- Avukat Generali l-Ewwel Qorti naqqset milli tindika dik id-disposizzjoni tal- ligi li dwarha kienet qed tinstab htija biex b'hekk huwa iktar difficli ghal din il-Qorti tara liema minn dawn iz-zewg sentenzi hija dik li effettivament giet ippronunzjata mill-Ewwel Qorti.*

*Issa l-artikolu 377 ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza ad validitatem meta jinghad: "Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il- fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l- artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r- reat."*

---

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Gunju, 2017 (Appell Nru: 162/2016)

*Illi ghalkemm din id-disposizzjoni tal-ligi ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata, izda l-qorti ghandha issegwi dak stipulat fil-ligi ad validitatem. Illi r-ratio legis wara l- artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il- fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l- piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id- disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi l-vot tal-ligi ma huwiex sodisfatt fid-decizjoni impunjata u ghalhekk l-Qorti ma tistax hlief tghaddi biex tiddikjara is-sentenza impunjata nulla u bla effett skont il-ligi u bis-setgha moghtija lilha bl- artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali u, wara li semghet il-provi mill-gdid u rat l-affidavits esebieti, ser tghaddi biex terga' tiddeciedi l-kawza fil-mertu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Joseph Mercieca Vs Daniel Farrugia'**[4] gie kkunsidrat li:

*'Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-appellanti. Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi fil-fatt hemm tlett sentenzi iffirmati mill-gudikant. L-ewwel wahda hija dik miktuba mill-gudikant di proprio pugno fuq il-komparixxi fejn hemm irregistrat biss id-decizjoni tal-Ewwel Qorti:*

***"1. Astensjoni;***

***Hati 2. tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal 3 snin. Art.28A Kap 9..***

***Tordna hlas ta' spejjez per."***

*Dan ghalkemm il-kawza ma kenitx wahda sommarja u cioe' ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati. Fil-fatt jidher illi ghalkemm il-kawza inbdiet quddiem l-Ewwel Qorti fil-vesti taghha bhala qorti istruttorja, gara illi b'nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju 2012 ai termini ta'l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, l-atti gew mibghuta lill-Qorti tal-Magistrati sabiex il-kawza tigi deciza minnha u dan wara in-nuqqas ta' opposizzjoni minn naha tal-imputat ghaldaqstant. Illi allura fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2012 l-Ewwel Qorti ikkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dana wara li l-imputat wera in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz jigi trattat u deciz bil-*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju, 2016 (Appell Nru: 467/2014)

*procedura sommarja. Jidher illi fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014 wara li instemghu l-provi tad-difiza il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza li giet miktuba mill-Magistrat kif indikat iktar 'il fuq. Illi fl-atti, izda giet inserita sentenza ohra dattilografata bl-istess data u bl-istess decide, liema sentenza hija wahda motivata u iffirmata ukoll mill-gudikant. Gara izda illi mar-rikors ta'l-appell tieghu, l-appellanti ipprezenta kopja tas-sentenza li giet moghtija lilu mid-Deputat Registratur ta'l-awla u dan sabiex hu ikun jista ihejji l-appell tieghu. Din it-tielet sentenza, li hija dattilografata, ghalkemm ukoll fiha l-istess decizjoni u iggib l-istess data, madanakollu hija nieqsa mill-motivazzjonijiet u hija ukoll iffirmata mill-gudikant. L-ebda wahda mis-sentenzi ma iggib il-firma tad-Deputat Registratur.*

*Illi allura billi l-appellanti gie a konjizzjoni ta' dan l-istat ta' fatt li hareg mill-atti processwali biss wara li kien beda jinstema dan l-appell, huwa iressaq aggravvju gdid fejn jissolleva n-nullita tad-decizjoni impunjata billi jishaq illi fl-atti hemm tlett sentenzi kollha iffirmati mill-gudikant li huma differenti minn xulxin. Jilmenta ukoll mill-fatt illi ghalkemm huwa ipprova jikseb kopja tas-sentenza mill-Ewwel Qorti sabiex ikun f'posizzjoni ihejji l-appell tieghu, huwa inghata kopja fl-ahhar hin, liema kopja ma kenitx wahda li fiha il-motivazzjonijiet li jidhru f' wahda mis-sentenzi li hemm fl-atti.*

*Issa l-artikolu 377 ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza ad validitatem meta jinghad:*

***"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."***

*Din id-disposizzjoni tal-ligi allura ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal :*

*"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza*

*jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. .........″*

*Stabbilt allura illi dak li jidher miktub mill-Magistrat di proprio pugno fuq il-komparixxi huma biss in-notamenti tieghu li jirrifletu il-kundanna ghat-tieni imputazzjoni, (billi kien hemm astensjoni tal-Qorti mill-ewwel akkuza,) u l-piena applikabbli, jifdal biex jigi stabbilit jekk bil-fatt illi fl-atti jirrizultaw zewg sentenzi wahda li fiha l-motivazzjonijiet u l-ohra bil-motivazzjonijiet neqsin, igibx per konsegwenza in-nullita tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti.*

*Jibda biex jinghad illi l-ebda wahda minn dawn iz-zewg decizjonijiet ma iggorr il-firma tad-Deputat Registratur u allura dawn ma humiex kopji izda sentenzi fl-original billi t-tnejn fihom il-firma tal-Magistrat. Jidher izda illi is-sentenza nieqsa mill-motivazzjonijiet kienet il-kopja li inghatat lill-appellanti qabel ma gie intavolat l-appell. Dan hu mistqarr mid-difensur ta'l-appellanti fil-verbal tat-13 ta' Jannar 2016 li tishaq illi din giet mibghuta lilha f'forma ta' e-mail fis-26 ta' Novembru 2016 mid-deputat registratur ta'l-awla ta'l-Ewwel Qorti. Din giet annessa minnha mar-rikors ta'l-appell, liema sentenza giet bi zvista iffirmata mill-Magistrat qabel ma l-atti intbaghtu lil din il-Qorti mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex id-difensur ta'l-appellanti tishaq illi meta hija annettiet din is-sentenza mar-rikors taghha ta'l-appell din ma kellhiex il-firma tal-Magistrat. Illi jidher ukoll illi dak li inqara fl-awla mill-gudikant kienet id-decide, izda mhux il-motivazzjonijiet li hemm rapportati fis-sentenza li tinsab a fols. 287 sa 290 ta'l-atti li tidher illi hija d-decizjoni finali ta'l-Ewwel Qorti inserita wara l-verbal tal-20 ta' Novembru 2014 meta allura giet deciza l-kawza.*

*Illi rinfaccjata b'dan l-istat ta' fatt allura jirrizulta lil din il-Qorti illi hemm tlett sentenzi fl-original taghhom billi t-tlieta huma iffirmati mill-Magistrat u ma igibux il-firma tad-Deputat Registratur, li it-tlieta li huma, ghalkemm fihom l-istess decizjoni, madanakollu huma differenti minn xulxin fil-korp taghhom.*

*Maghdud dan madanakollu ir-ratio legis wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-ewwel Qorti hija cara fis-sens illi hija astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta'l-akkuza dwar is-serq billi din kienet*

*wahda alternattiva ghat-tieni akkuza dwar ir-ricettazzjoni u sabet htija fl-appellanti ghal din it-tieni akkuza kif dedotta kontra tieghu. Il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex teroga il-piena ghar-reat ta' ricettazzjoni billi ikkundannat lill-appellanti ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u ghal kundanna ghall-hlas ta'l-ispejjez peritali. Illi huwa minnu illi fl-atti hemm zewg sentenzi fejn wahda minnhom hija nieqsa mill-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tistabilixxi r-reita u huwa minnu ukoll illi kienet din is-sentenza li giet mghoddija lill-appellanti sabiex ihejji l-appell tieghu, madanakollu dan ma igibx in-nullita tas-sentenza impunjata billi kien bil-wisq evidenti illi abbazi tal-fatti esposti quddiem l-Ewwel Qorti, hija kienet qed issib il-htija ghar-reat ta' ricettazzjoni u mhux ta' serq minn liema akkuza gustament ghaddiet ghall-astensjoni billi din kienet alternattiva ghar-reat tar-ricettazzjoni. Illi huwa minnu ukoll dak li jilmenta dwaru l-appellanti illi huwa kellu kull dritt jinghata il-kopja tas-sentenza li kellha tifforma parti mill-atti u mhux wahda imharbxa ta' malajr biex huwa ikun jista' jinqeda biha ghal fini biex ihejji l-appell u ma kellux allura jinghata sentenza li ghandha partijiet minnha nieqsa, liema sentenza imbaghad giet ukoll bi zvista iffirmata mill-Magistrat! Izda dawn in-nuqqasijiet ghalkemm jistghu ikunu ta' pregudizzju ghal partijiet fil-kawza ma jistghux jikkostitwixxu nullita sostanzjali tas-sentenza impunjata li hija cara fid-decide taghha. '*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Joseph Pisani'</u>**[5] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

*'Stabbilt allura illi dak li jidher miktub mill-Magistrat di proprio pugno fuq il- komparixxi huma biss in-notamenti tieghu, jifdal biex jigi stabbilit jekk allura is- sentenza dattilografata u ukoll iffirmata mill-gudikant hijiex valida skont il-ligi billi hija nieqsa fiha il-firma tad-deputat registratur.*

*Illi r-ratio legis wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-ewwel Qorti hija cara fis-sens illi hija sabet*

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Settembru, 2016 (Appell Nruu: 378/2015)

*htija ghall-unika akkuza dedotta fil-konfront ta'l- appellanti. Il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex teroga il-piena ghal dan ir-reat billi rabtet lill-appellanti b'obbligazzjoni tieghu innifsu ai termini ta'l-artikolu 383 tal- Kapitolu 9. Is-sentenza hija iffirmata mill-Magistrat u allura billi ma hemmx il-firma tad-deputat registratur, il-Qorti hija tal-fehma illi din ghandha titqies bhala l-original u mhux il-kopja.*

*Kwindi billi l-vot tal-ligi jidher illi huwa sodisfatt, dan ma igibx in-nullita tas- sentenza impunjata billi kien bil-wisq evidenti illi abbazi tal-fatti esposti quddiem l- Ewwel Qorti, hija kienet qed issib il-htija ghall-uniku reat li bih l-appellanti kien gie akkuzat. Illi huwa minnu ukoll dak li jilmenta dwaru l-appellanti illi huwa kellu kull dritt jinghata il-kopja tas- sentenza li kellha tifforma parti mill-atti u mhux wahda imharbxa ta' malajr biex huwa ikun jista' jinqeda biha ghal fini biex ihejji l-appell! Izda dawn in-nuqqasijiet ghalkemm jistghu ikunu ta' pregudizzju ghal partijiet fil- kawza ma jistghux jikkostitwixxu nullita sostanzjali tas-sentenza impunjata li hija cara fid-decide taghha.*'

Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Eric Scicluna'**[6]:

'*L-insenjament ta' dan il-gudikat huwa car. Il-kopja ufficjali li torbot lill-partijiet hija dik illi johrog id-Deputat Registratur u mhux in-noti jew is-sentenza miktuba di proprio pugno mill-Magistrat. Din tal-ahhar tibqa` tal-Magistrat personalment u tista` tintuza biss bhala gwida lill-partijiet tal-hsieb li kellu l-Magistrat meta ta s-sentenza tieghu u ma tistax tintuza ghal xi argumenti procedurali li jistghu jwasslu ghan-nullita` taghha. Hija dik mahruga mid-Deputat Registratur taht il-firma tieghu illi tista` tkun soggetta ghal skrutinju. Dan ifisser kwindi illi lanqas dik is-sentenza ma ghandha ghalfejn tigi ffirmata mill- Magistrat peress illi l-validita` procedurali formali taghha jigi sanat bil-firma biss tad-Deputat Registratur.* '

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Lewis Arpa'** [7]gie kkunsidrat li:

'*Illi r-ratio legis wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2012 (Appell Kriminali Numru: 191/2011)
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Mejju, 2017 (Appell Numru: 207/2015)

*htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-ewwel Qorti hija cara fis-sens illi hija sabet htija ghall-unika akkuza dedotta fil-konfront ta'l-appellanti. Il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex teroga il-piena ghal dan ir-reat u dan wara li iccitat d-disposizzjonijiet tal-ligi li abbazi taghhom kienet qed tinstab htija. Is-sentenza hija iffirmata mill-Magistrat u allura ghandha titqies bhala l-original u mhux il-kopja.*

*Kwindi billi l-vot tal-ligi jidher illi huwa sodisfatt, dan ma igibx in-nullita tas-sentenza impunjata billi kien bil-wisq evidenti illi abbazi tal-fatti esposti quddiem l-Ewwel Qorti, hija kienet qed issib il-htija ghall-uniku reat li bih l-appellanti kien gie akkuzat u ghaddiet biex tinfliggi l-piena ghall-istess. Ghaldaqstant dan l-aggravvju qed jigi rigettat.'*

Ikkunsidrat;

Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabilixxi dak li sentenza ghandu jkun fiha, huwa intiz sabiex ikun hemm kjarita ta' dak li l-imputat ikun qieghed jinstab hati ossia li jitnizzlu l-fatti, l-artikoli tal-ligi ta' xiex qieghed jinstab hati u l-piena'. F'dan il-kaz partikolari, minkejja li jirrizulta li dik dattilagrafata tosserva dawn ir-rekwiziti, dak imnizzel fuq il-komparixxi ma jirriflettix in toto dak mnizzel fis-sentenza dattilagrafata ossia senjatament li s-seba' (7) imputazzjoni hija preskritta.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax hlief li tikkunsidra li z-zewg sentenzi in atti huma kunfliggenti u li d-differenza fiz-zewg sentenzi ossia dik dattilagrafata u dak imnizzel fil-komparixxi ipoggi lill-appellant f'posizzjoni ta' incertezza ta' dak li huwa instab hati tieghu, ossia instabx hati tal-imputazzjonijiet kollha jew instabx hati tal-ewwel sitt (6) imputazzjonijiet. Dak li l-Qorti taqra' fl-awla ghandu jkun dak li attwalment jitnizzel fid-decizjoni taghha. Kwalunke divergenzi fil-htija jew fil-pieni minn dak li jinqara fl-awla u jitnizzel fil-komparixxi ghal dak li sussegwentement jitnizzel fis-sentenza dattilografata imur kontra l-hsieb wara l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista' ta' dan, din il-Qorti sejra tannulla s-sentenza appellata u sejra tiddeciedi l-mertu mill-gdid.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qieghda tghaddi ghalhekk biex tannulla s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-

kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu u l-aggravji tal-appellant jigu kkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur